Isla
Citta' Invicta

# Kunsill Lokali Isla

## RAPPORT AMMINISTRATTIV U TA' ĦIDMA
## MARZU 2001 - FRAR 2002

Din Hija t-tielet sena fil-ħajja ta' dan il-Kunsill li kien ġie elett f'Marzu 1999. F'din is-sena l-Kunsill qed iġib fi tmiem proġetti u ħidma li kienet għaddeja u mfassla fil-bidu ta' din l-Amministrazzjoni. Din is-sena ta' ħidma kienet ikkaratterizzata l-aktar lejn infrastruttura tal-lokal kif ukoll lejn ambjent soċjali u kulturali.

## Il-Kunsill

Matul din is-sena l-Kunsill żamm l-istess Sotto-Kumitati li kienu jiffunzjonaw fis-sena ta' qabel.

## Laqgħat tal-Kunsill

Matul it-tielet sena (Marzu 2001 - Frar 2002) inżammu 17 il-laqgħa tal-Kunsill u l-attendenza kienet hekk :

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Assenti | Skużat / a |
|---|---|---|---|---|
| J. Casha (Sindku) | 17 | 17 | 0 | 0 |
| D. Genovese (V. Sindku) | 17 | 7 | 4 | 6 |
| M. Mizzi (Kunsillier) | 17 | 17 | 0 | 0 |
| M. Camilleri (Kunsillier) | 17 | 15 | 0 | 2 |
| C. Gerada (Kunsillier) | 17 | 16 | 0 | 1 |
| A. Zammit (Seg. Eżekuttiv) | 17 | 17 | 0 | 0 |

## Impenn 2001 / 2002

Issa ser tingħata ħarsa lejn dawk il-proġetti li l-Kunsill kien wiegħed li ser iwettaq għal matul it-tielet u l-aħħar sena tal-ħatra tiegħu.

### Marina Circus

Bl-għajnuna tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera saret l-ewwel fażi biex din il-pjazza tiġi restawrata u imsebbħa kif jistħoqq. Tqiegħed il-Bust ta' J. B. Azopardo regalat mill-Poplu Arġentin.
Din ġiet inawgurata mill-Ambaxxatriċi Arġentina u l-President tar-Repubblika ta' Malta nhar is-Sibt 16 ta' Ġunju,2001. It-tieni fażi għandha ssir aktar il-quddiem.

**Statwa ta' San Mikiel**

Ġie fi tmiemu r-restawr ta' l-istatwa ta' San Mikiel bl-għajnuna tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

**Pjazza San Mikiel / Triq il-Ponta quddiem Ġnien il-Gardjola**

Għadhom kif ġew approvati x-xogħlijiet biex jibda tisbieħ tal-Pjazza quddiem San Mikiel. Dan ix-xogħol ser jibda fil-jiem li ġejjin. Kif ukoll qed isir pjan għal tisbiħ biswit Ġnien il-Gardjola quddiem Triq il-Ponta. Dan ix-xogħlijiet qed jitwettqu bl-għajnuna tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera.

**Embellishment ta' Belvedere fi Triq Is-Sur**

Għadha qed issir ħidma mal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera biex il-proposti mressqa minn dan il-Kunsill għal tisbiħ ta' belvedere fi Triq is-Sur.

**Librerija Pubblika**

Il-Kunsill xtara b'kemm jiswew Lm 300.00 f'kotba ġodda u żied is-sigħat ta' ftuħ tal-librerija pubblika li hemm biswiet l-Iskola Primarja biex iħeġġeġ aktar l-imħabba għall-qari. Huwa kkalkulat li r-Readership tela' minn 200 għal 600 fix-xahar. Hemm il-ħsieb li jsir aktar atrezzar fil-librerija pubblika.

**Ċentru tal-Kommunita'**

Il-Kunsill inawgura Ċentru għall-Kommunita' u Uffiċċju Amministrattiv ġdid fi Triq San Ġużepp nhar is-Sibt 29 ta' Diċembru, 2001 biex ikun jista' jwettaq attivitajiet u jagħti sehem aktar kulturali u soċjali liċ-ċittadini. Dan qed isir skond policy li qed iwettaq id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar it-tmexxija ta' l-uffiċini tal-Kunsilli Lokali.

**Skola Primarja Dom Mauro Inguanez**

Minkejja li l-Kunsill għamel ħiltu kollha biex il-manutenzjoni u rikostruzzjoni meħtieġa f'din l-iskola li kellha ssir mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni baqa' ma' sar xejn għal dawn l-aħħar 4 snin. Il-kunsill sa anke nefaq mas-Lm 1, 600 fi pjanti u perizja biex dan ix-xogħol isir iżda mingħajr riżultat.

Minkejja dan, il-Kunsill għamel dak li setgħa biex jgħin l-Iskola Dom Mauro Inguanez għaliex għandhu għal qalbu l-ambjent fl-Iskola u l-Edukazzjoni tat-tfal. Infatti l-Kunsill iffinanzja bdil ta' bibien ewlenin, għamara, xiri ta' apparat sportiv u l-attrezzar ta' playroom kompluta għat-tfal tal-kindergarten kif ukoll qed jipproponi li jatrezza reading library.

### Sala San Mikiel

Il-Kunsill għadhu f'kuntatti mat-Tarzna sabiex is-Sala magħrufa bħala St. Michael's Press tgħaddi f'idejn il-Kunsill ħalli tiġi żviluppata fi proġett turistiku bi sħab ma' l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu. Jidher li dawn in-neguzjati ser jagħtu riżultati pożittivi wara l-aħħar taħditit li saru mad-diriġenti tat-Tarzna.

### Pjazza Andrea Debono

Għalkemm il-Kunsill kien fi ħsiebu li jerġa jirrijabilita' Pjazza Andrea Debono, dan ma' setgħax isir minħabba prijoritajiet oħra aktar urġenti.

### Bdil ta' mains ta' l-ilma u reinstatement

Il-Kunsill irnexxielu jwettaq it-tibdil tal-mains ta' l-ilma kif kien ippjanat li jsir fit-toroq ewlenin tal-lokal jiġifieri f'Misraħ Ġorġ Mitrovich, Triq l-Arċisqof Mattei, Pjazza Papa Benedettu XV, Triq il-Vitorja u Pjazza Francesco Zahra. F'dawn it-toroq inqalgħu l-bankini u saru oħrajn ġodda, kif ukoll tqegħdu spralli ġodda, manholes u inspuction boxes kull fejn kien hemm bżonn fejn kważi ntefqu l-flus kollha mill-fond speċjali tal-Kunsill.

Bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali l-Kunsill kesa dawn it-toroq bil-Hot Rolled Asphalt.

### Triq il-Mina tax-Xatt

Għalkemm ma' kinitx fil-progrmm, il-Kunsill ħass il-bżonn li f'din it-triq iwettaq tibdil tas-sistema ta' l-ilma kif ukoll li tinkesa bil-Hot Rolled Asphalt.

### Xogħlijiet oħra infrastrutturali

Il-Kunsill qiegħed fil-proċess sabiex Triq il-Vittmi tal-Gwerra tingħata l-Hot Rolled Asphalt wara li nbidlet is-sistema ta' l-ilma. Ser jinqalgħu Triq San Laawrenz, Triq il-Kurċifiss u Triq San Pietru u San Pawl biex tinbidel is-sistema ta' l-ilma, jsiru bankini ġodda u jingħata l-Hot Rolled Asphalt.

## Xogħlijiet Oħra

### Ġnien Tagħna t-Tfal

Bil-ħidma tal-Kunsill u b'koperazzjoni mal-Gvern Ċentrali wasslet biex jiġl finaliżżat dan il-proġett hekk utli għat-tfal ta' l-Isla. Dan il-ġnien li jinsab ħdejn l-Iskola Primarja tal-lokal ġie nawgurat nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju, 2001.

### Binja Dar Ir-Risq (Dockyard Terrace)

Beda r-restawr tal-faċċata tal-Binja magħrufa bħala Dockyard Terrace. Infatti flimkien mal-Gvern Ċentrali l-Kunsill ikkummissjona dan il-proġett ta' restawr li ser ikun ta' fejda għall-familji li jgħixu f'dan il-bini.

### Swar ta' San Mikiel

Sar tindif tal-bjut fuq is-swar ta' San Mikiel kif ukoll fil-jiem li ġejjin ser jibda xogħol ta' restawr fin-Niċċa ta' Sant'Anna kif ukoll is-swar ta' San Mikiel.

### Ġnien il-Gardjola

Il-Kunsill kompla jsebbaħ dan il-Ġnien, wieħed mill-ftit spazji li fih jieħdu mistrieħ lċ-ċittadini ta' l-Isla. Fil-fatt hemm handy man li jieħu ħsieb dan il-ġnien kif ukoll inżebgħu l-bankijiet u sar dawl ġdid. Din il-ġawhra tas-Sengleani u l-għira tal-barranin servit biex il-Kunsill tella' attivitajiet kulturali u soċjali fiha.

### Marki tat-traffiku

Wara li saru t-toroq bil-Hot Rolled Asphalt, l-Kunsill wettaq xogħol ta' sinjali tat-traffiku kif ukoll parking bays biex b'hekk inħoloq aktar spazju għal parkeġġ waqt li jinżamm kontroll u aktar ordni fit-toroq ta' l-Isla. Twaħħlu aktar tabelli u mirja fit-toroq skond kif meħtieġ.

### Bus Shelters

Il-Kunsill għamel ftehim mal-Kumpanija Faces Consultants Ltd. biex ftit ġimgħat oħra jibdew jitwaħħlu bus shelters moderni u attrajenti.

## Servizzi

### Bulky Refuse

Il-Kunsill kompla joffri s-servizz ta' bulky refuse minn ġod-djar privati skond kif jitlob lċ-ċittadin. Il-Kunsill jagħti dan is-servizz darbtejn fil-ġimgħa.

### Żbir ta' Siġar

Il-Kunsill wettaq żbir ta' siġar madwar l-Isla kollha permezz tad-Dipartiment ta' l-Agrikultura u Landscaping.

**Bus Shuttle Service (Bank of Valletta)**

Bħala parti mill-impenn soċjali, l-Kunsill Lokali waqqaf servizz ta' mini bus shuttle mill-Isla sal-fergħa tal-Bank of Valletta f'Bormla u lura. Il-Kunsill qed joffri dan is-servizz b'xejn kull nhar ta' Sibt filgħodu għall-anzjani u n-nisa tad-dar. Dan sar wara li għalqet il-fergħa tal-Bank of Valletta fl-Isla. Infatti l-Kunsill laħaq ukoll ftehim mal-Bank of Valletta Bormla biex dawn ir-residenti mill-Isla jinqdew minnufih hekk kif jaslu fil-fergħa tal-Bank.

**Minuti**

Il-Kunsill qed Iżomm aġġornate lill-Għaqdiet kollha fil-lokal billi regolarment jibgħatilhom il-Minuti hekk kif ikunu approvati mill-Kunsill.

**Għajnuna lill-Għaqdiet**

Matul din is-sena wieħed mill-impenji ewlenin tal-Kunsill kienet l-għajnuna li ta lill-Għaqdiet Soċjali u Sportivi li jkunu qed juru impenn fost iż-żgħażagħ.

*Każin tal-Banda Queen's Own*

Ġie ffinanzjat il-Bust ta' Maestro Gaetano Grech.

*Senglea Athletics F. C.*

Il-Kunsill iffinanzja riċeviment għall-promozzjoni fil-Kampjonat, ingħatae trophies u footballs kif ukoll użu mill-goal nets u ta l-kunsens tiegħu biex isir Coffee Morning fiċ-Ċentru tal-Kommunita' fi Triq San Ġużepp.

*Senglea Youngsters F. C.*

Ingħataw trophies u sar irranġar tal-football ground fil-Ponta għal tournament imtella' minn din l-Għaqda.

*Regatta Club*

Ingħataw trophies u nxtara materjal biex ssir dgħajsa tal-qdif għaż-żgħażagħ.

*Senglea Athletics F. C. Youth Nursery*

Inxtraw track-suits għat-tfal ta' din in-nursery. Il-Kunsill għadhu jitħabat għal post adattat fejn din tkun tista' topera.

*Klabb tal-Boċċi*

Il-Kunsill iffinanzja t-tibdil ta' aperturi u bibien fuq talba tagħhom stess.

*Kalendarju 2002*

Il-Kunsill Lokai f'Diċembru ppubblika kalendarju bi sfond storiku dwar personaġġi Sengleani. Dan il-kalendarju ġie mqassam lill-familji kollha fl-Isla.

*Attivitajiet*

Dawn huma l-attivtajiet u ħarġiet kulturali u rikrejattivi li l-Kunsill wettaq b'suċċess f'din is-sena :

| | |
|---|---|
| Ħarġa Kulturali u Coffee Morning fis-San Antonio Restaurant | 14/03/2001 |
| Weekend Break fis-San Lawrenz Resort - Gozo | 17, 18 & 19/03/2001 |
| Ħarġa Kulturali u Ikla fil-Golden Sands Hotel | 03/05/2001 |
| Street Party / Mejda Maltija fl-okkażjoni ta' Jum l-Isla | 04/05/2001 |
| Sports Day f' Jum l-Isla | 05/05/2001 |
| Ħarġa Kulturali f'Jum il-Missier | 19/06/2001 |
| Ġurnata Għawdex | 20/06/2001 |
| Serata ta' Jazz fi Ġnien il-Gardjola - Minn Navigators Jazz Band tas-6th Fleet (U. S. S. LA SALLE) | 22/06/2001 |
| Weekend Għawdex fil-Calypso Hotel | 12, 13, 14, 15, & 16/07/2001 |
| Wine Tasting Competition u Mejda Maltija fi Ġnien il-Gardjola | 11/08/2001 |
| Ħarġa Kulturali u Coffee Morning | 05/12/2001 |

| | |
|---|---|
| Rigal lill-Anzjani Sengleani - Serata ta' divertiment għall-Anzjani Sengleani fis-Sede għal żmien il-Milied | 19/12/2001 |
| Ikla għall-Anzjani fil-Palm Valley Restaurant | 27/12/2001 |
| Coffee Morning fil-Pergola Hotel | 07/02/2002 |
| Weekend Break fis-Selmun Palace Hotel | 15, 16 & 17/02/2002 |

## Senglea Festival 5, 6, & 7/10/2001

Il-Kunsill flimkien ma' l-Awtorita Maltija għat-Turiżmu tellgħa Festival ta' Storja, Mużika, Żfin, Artiġjanat, Eżebizzjonijiet u Reanactments ġewwa l-Isla fuq firxa ta' tlett ijiem.

Dan kien weekend mimli attivitajiet imtella' mas-soċjetatjiet infushom b'koordinazzjoni u b'finanzjament mill-Awtorita Maltija għat-Turiżmu u mill-Kunsill. Dawn l-attivitajiet kienu mifruxa madwar l-Isla kollha, fil-Knejjes u fix-Xatt fosthom fi Ġnien il-Gardjola fejn kien hemm wirja ta' artiġjanat għaddejja l-ħin kollu.

Din lattivita' għalqet il-Ħadd filgħodu b'reanactment ta' Battilja bejn il-Maltin u l-Franċiża ġewwa l-Isla.

## Konklużjoni

Dawn kienu punti ewelenin tax-xogħol li twettaq din is-sena pero' mhux qed jirrifletti l-ħidma kollha li saret minn dan il-Kunsill. Infatti din l-aħħar sena l-Kunsill ikkonsolida u ġab fi tmiem programm ta' xogħol li kien ilu għaddej għal dawn l-aħħar tlett snin.

Dan ma' setgħax jintlaħaq kieku ma' kienx hemm koperazzjoni miċ-ċittadini u ta' dan il-Kunsill irodd il-ħajr lil kull min ikkopera u jawgura aktar ħidma lill-Kunsill il-ġdid li ser jiġi elett fl-elezzjoni ta' nhar is-Sibt 9 ta' Marzu, 2002.

***Tbassir tas-Sitwazzjoni Finanzjajra tal-Kunsill Lokali Isla***
***(Mill-15 ta' Frar 2002 sal-31 ta' Marzu, 2002)***
***Skond il-Balance Sheet tal-15 ta' Frar, 2002 kif ġiet***
***ippreżentata lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fid-19 ta' Frar, 2002.***

*Current Assets*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Debtors | 0.00 | | 13, 808.15 | |
| Bank Accounts | 0.00 | | 19, 094.74 | |
| Cash in hand | 0.00 | | 120.05 | |
| | | 0.00 | | 33, 022.94 |

*Current Liabilities*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Creditors : Short term | 0.00 | | 13, 109.95 | |
| Special Funds Creditor | 0.00 | | 1, 000.48 | |
| Accruals | 0.00 | | 5, 102.60 | |
| | | 0.00 | | 9, 213.03 |

| | |
|---|---|
| Current Assets less Current Liabilities | |
| Fil-15 ta' Frar, 2002 | 23, 809.01 |

*Ħlas dovut mill-Kunsill (Frar - Mar 2002)*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji (Bonuses, N. I. & F. S. S.) | 3, 199.00 | |
| Kuntratti Kurrenti | 7, 434.00 | |
| Utilitajiet | 300.00 | |
| Xogħol fil-Progress | 12, 300.00 | 23, 233.01 |

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv

D:/fnance/adminreport01'02.doc